TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 731

KAZ NRU. 905

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alfred Camilleri

u

Marina Milling & Grain Handling Co Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 24 ta' Gunju 1996

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 7 ta' Frar 1995 b'referenza ME 4/95 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Alfred Camilleri, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Joseph Sammut u Marina Milling and Grain Handling Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn James Arrigo u Guido Bonnett assistiti mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

Fl-ittra lill-Ministru l-appellant sostna li t-tkeccija tieghu ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Fl-"istatement of case" irritjena li :

- kien ilu fl-impieg tal-Kumpanija ghal tletin sena u kien jokkupa diversi karigi ta' fiducja ;
- kien gie "black listed" mill-Kumpanija ghaliex kien fittex id-drittijiet tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali f'kas iehor li gie deciz kontra tieghu xi tlett xhur ilu ;
- kien rarament jinghata l-opportunita li jaghmel saghra ;
- l-qamh li gie allegat li seraq kien spicca u li kellu jintrema ; anzi kieku wiehed kellu jigbru u jitfghu ma qamh tajjeb jigi moghti "warning" ;
- kien bi hsiebu jitlob permess tal-Foreman biex jiehdu kif dejjem ghamel qabel.

Il-Kumpanija, fl-"istatement of case", issottomettiet li zewg ufficjali taghha kienu ghamlu tficcija fil-karozzi tal-impjegati tad-ditta. Fil-"boot" tal-karozza ta' l-appellant instabet nofs xkora qamh li ammetta quddiem xhieda li kien propjeta tal-Kumpanija. Wara nvestigazzjoni bir-reqqa l-Kumpanija waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant kien hati ta' serq u tterminatlu l-impieg.

Dwar dak li rritjena l-appellant ma giex ippruvat li kien gie "black listed" jew li saret xi diskriminazzjoni kontra tieghu fl-ghoti tas-saghra. Anzi jirrezulta li fil-kaz precedenti li semma' l-appellant it-Tribunal Industrijali fahhar l-agir tal-Kumpanija talli offriet xoghol iehor, ghalkemm b'paga

anqas, lill-appellant flok keccietu meta kien korra d-dar u ma baqghax tajjeb ghal xoghol ta' xufier.

It-Tribunal jirrimarka li l-Avukat Joseph Sammut ghall-appellant fis-seduta tal 15 ta' April 1996 b'nota mmarkata Dok. Nru. J.S.1 issottometta li :

a) sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li biha l-appellant kien nstab hati izda gie liberat kondizzjonalment kienet giet appellata u ghalhekk ma ghandha ebda effett ;

b) tali dikjarazzjoni tal-Qorti ma ghandha tintuza ghal ebda skop iehor hlief ghal proceduri maghmula quddiem il-Qorti Kriminali ;

u talab li t-Tribunal jordna l-isfilz ta' dokument li kien jirreferi ghall-kaz, jordna korrezzjoni kull fejn saret riferenza ghall-kaz u jinibixxi l-Kumpanija milli taghmel xi riferenza ghas-sentenza tal-Qorti.

It-Tribunal laqgha t-talbiet ta' l-appellant u ordna li jittiehdu l-passi biex dawn isehhu w/jew jigu osservati.

It-Tribunal jinnota li waqt li l-Kumpanija osservat skrupolozament l-ordni tat-Tribunal l-Avukat Sammut fis-sottomissjonijiet finali ghall-appellant ghamel diversi riferenzi ghall-kaz u anke specifikament ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

It-Tribunal jaghmel enfasi li biex wasal ghal decizjoni injora kull riferenza li saret mill-partijiet ghas-sentenza tal-Qorti kif mitlub mill-appellant u accettat mit-Tribunal.

It-Tribunal wara li kkunsidra x-xhieda, id-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u qies ic-cirkostanzi kollha

tal-kaz wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet.

Gie ppruvat li l-appellant ha nofs xkora qamh (madwar erbghin kilo) minghajr ma talab il-permess rikjest. Gie stabbilit li dan il-qamh ma kienx gie kundannat kif soltu isir qabel ma jintrema jew jinghata permess li jiehdu xi mpjegat izda kien fi stat relattivament tajjeb.

Ghalkemm il-valur tal-qamh koncernat ma kienx kbir jibqa' l-fatt li l-appellant, bhala mpjegat, ha propjeta tal-Kumpanija li kienet thaddmu, meta kien jaf bir-regoli stretti dwar tehid ta' prodotti. Dawn kienu gustifikati minhabba il-valuri kbar involuti kif ukoll n-natura tal-prodotti u tax-xoghol konness maghhom.

Jirrezulta li l-appellant kien gie moghti numru ta' "warnings" bil-miktub fuq nuqqasijiet serji fis sentejn precedenti.

It-Tribunal isib li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant u ghalhekk ma jilqax l-appel tieghu.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju